MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Rikors Numru. 7/2005/1

Rikors Nru: 7/2005

Joseph Borg

-vs-

Joseph Farrugia

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Joseph Borg fejn jesponi b' rispett:

Illi l- esponent jikri lill- intimat il- fond numru 76, Cross Road, illum maghrufa bhala Triq Patri Felician Bilocca, Marsa ghall- uzu ta' hantu tal- laham u dan bil- kera ta' Lm 30 fis- sena jithallsu kull sitt xhur, l- ewwel skadenza fid- 29 ta' Mejju, 2004.

Illi hemm dritt li jkun hemm ir- ripresa tal- pussess tal- istess fond u dan peress illi l- intimat mhux qed jaghmel uzu minn dan il- fond illi issa ilu maghluq ghal izjed minn sentejn u dan oltre illi gew ikkawzati ksara konsiderevoli f' dan il- fond mill- intimat, kif ser jigi ppruvat;

Ghaldaqstant ir- rikorrent jitlob bir- rispett illi dan l- Onorabbli Bord joghgbu: (a) jawtorizza r- ripresa tal- fond numru 76, Cross Road, illum maghrufa bhala Triq Patri Felician Bilocca, Marsa mir- rikorrent; (b) konsegwentement jordna l- izgumbrament tal- intimat mill- istess fond f' terminu qasir u perentorju li jigi lilu prefiss mill- istess Bord.

Ra li l- intimat debitament notikfikat la deher u lanqas ressaq risposta fir- registru.

Sema ix- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra l- verbal tat- 18 ta' April 2005.

Ra l- art. 30 tal- Kap. 69 tal- Ligijiet ta' Malta.

Ra li l- intimat qatt ma deher u qatt ma deher u qatt ma pprezenta risposta.

Jilqa' it- talba tar- rikorrent u jawtorizzah jerga jiehu f' idejh il- fond 76, Cross Road illum maghrufa bhala Triq Patri Felician Bilocca, Marsa, ghall- ghan ta' tkeccija jaghti xahar (1) zmien m' illum; l- ispejjez jithallsu mill- intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------